**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar, 2002**

**Numru 21**

**Avviz. numru 1773/01JR**

**Forestals (Appliances) Limited**

**vs**

**Joseph Gatt ezercenti l-kummerc taht l-isem tad-ditta J&G Discount MiniMarket**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-18 ta' Dicembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mitt lira Maltija (Lm100.00), u fejn intqal:**

**Illi l-konvenut xtara xi merkanzija minghand is-socjeta` attrici u beda jaghmel xi pagamenti akkont, pero` llum ghad fadal bilanc ta' mitt lira (Lm100.00);**

**Nonostante interpellat diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali notifikata lilu fil-25 ta' Gunju, 2001, sabiex jhallas, il-konvenut baqa' nadempjenti minghajr raguni valida;**

**Ghalhekk kellha ssir dina l-kawza kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni;**

**Bl-ispejjez, inkluzi tlettax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm13.50) ghall-imsemmija ittra ufficjali u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Tanya Sammut ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100.00) bl-imghaxijiet legali mil-25 ta' Gunju, 2001, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**